



BANK ĊENTRALI EWROPEW

5 ta' Jannar 2005

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

RAPPORT FINANZJARJU KONSOLIDAT TA' L-EWROSISTEMA TAL-31 TA' DIĊEMBRU 2004

I. Partiti li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Fil-ġimgħa li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2004, it-tnaqqis ta' EUR 4.2 biljun f'**deheb u ammonti riċevibbli f'deheb** (il-partita nru. 1 ta' l-attiv) irrifletta l-aġġustamenti trimestrali ewlenin ta' rivalutazzjoni, kif ukoll il-bejgħ ta' deheb li għamel wieħed mill-banek ċentrali ta' l-Ewrosistema (skond il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar id-Deheb tas-27 ta' Settembru 2004).

Il-pożizzjoni netta ta' l-Ewrosistema fi flus barranin (partiti 2 u 3 ta' l-attiv minbarra l-partiti 7, 8 u 9 tal-passiv) naqset b'EUR 11.5 biljun għal EUR 154.3 biljun. Dan it-tnaqqis kien prinċipalment dovut għall-effetti tar-rivalutazzjoni ta' kull trimestru ta' l-assi u ta' l-obbligazzjonijiet waqt li t-transazzjonijiet tal-klijenti u tal-portafoll imwettqa mill-banek ċentrali ta' l-Ewrosistema fil-perijodu li qed jiġi kkunsidrat irriżultaw f'żieda ta' EUR 0.1 biljun.

L-investimenti ta' l-Ewrosistema ta' **titoli negozjabbli tar-residenti taż-żona ta' l-euro u denominati f'euro** (partita 7 ta' l-attiv) żdiedu b'EUR 0.4 biljun għal EUR 70.2 biljun. **Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (partita 1 tal-passiv) naqsu b'EUR 3.3 biljun għal EUR 501.3 biljun. **L-obbligazzjonijiet lejn il-gvern ġenerali** (partita 5.1 tal-passiv) naqsu b'EUR 8.3 biljun għal EUR 36 biljun.

II. Partiti li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Is-self nett ta' l-Ewrosistema lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (partita 5 ta' l-attiv minbarra l-partiti 2.2, 2.3, 2.4, 2.5 u 4 tal-passiv) naqas b'EUR 13.5 biljun għal EUR 345 biljun. Nhar il-Ħamis, 30 ta' Diċembru 2004, immaturat **operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament** ta' EUR 283.5 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 270 biljun.

Ir-rikors għall-**faċilità ta' self marġinali** (partita nru. 5.5 ta' l-attiv) kien ta' EUR 0.1 biljun (meta mqabbel ma' EUR 0.2 biljun fil-ġimgħa ta' qabel), waqt li r-rikors għall-**faċilità tad-depożitu** (partita 2.2 tal-passiv) kien ta' EUR 0.1 biljun, jiġifieri bejn wieħed u ieħor l-istess bħal tal-ġimgħa ta' qabel.

III. Kontijiet kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro

B'riżultat tat-transazzjonijiet kollha, il-pożizzjoni tal-kont **kurrenti** ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Ewrosistema (partita 2.1 tal-passiv) naqset b'EUR 1.8 biljun għal EUR 138.6 biljun.

IV. Rivalutazzjoni ta' l-attiv u l-passiv ta' l-Ewrosistema li ssir fl-aħħar tas-sena

Skond ir-regoli armonizzati tal-kontabilità ta' l-Ewrosistema, id-deheb, il-kambju ta' flus barranin, l-investimenti f'titoli u l-istrumenti finanzjarji ta' l-Ewrosistema jiġu rivalutati skond ir-rati u l-prezzijiet tas-suq fl-aħħar ta' kull trimestru. L-impatt nett tar-rivalutazzjoni fuq kull partita tal-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2004 jidher fil-kolonna miżjuda "**Differenza meta mqabbla mal-ġimgħa li għaddiet minħabba rivalutazzjonijiet**". Il-prezz tad-deheb u r-rati prinċipali tal-kambju użati għar-rivalutazzjoni tal-bilanċi kienu kif ġej:

USD 1.3621 għal kull EUR

JPY 139.65 għal kull EUR

Deheb: EUR 321.562 għal kull uqija fina

Drittijiet speċjali ta' kreditu: EUR 1.1396 għal kull DSK

Bank Ċentrali Ewropew

Taqsimat Stampa u Informazzjoni

Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main

Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404

Internet: <http://www.ecb.int>

Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonoxxuta din l-istqarrija.

Rapport finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-ewrosistema tas- 31 ta' Diċembru, 2004

(EUR miljun)

Attiv	Bilanċ fis- 31 ta' Diċembru, 2004	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba transazzjonijiet	evalwazzjonijiet mill- ġdid	Passiv	Bilanċ fis- 31 ta' Diċembru, 2004	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba transazzjonijiet	evalwazzjonijiet mill-ġdid
1 Deheb u krediti f'deheb	125,730	-10	-4,190	1 Karti tal-flus fi ċ-ċirkolazzjoni	501,256	-3,331	0
Drittijiet fuq persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija				2 Obbligazzjonijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro relatati ma l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro			
2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI	23,948	-137	-1,059	2.1 Kontijiet kurrenti			
2.2 Bilanċi mal-banek u titoli ta' investiment				(li jkopru s-sistema ta' riservi minimi)	138,624	-1,810	0
Self barrani u assi oħra barranin	129,872	-1,972	-10,129	2.2 Faċilità ta' depożitu	105	-29	0
	153,820	-2,109	-11,188	2.3 Depożiti fissi	0	0	0
3 Drittijiet fuq residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija	16,969	423	-1,401	2.4 Operazzjonijiet temporanji ta' fine-tuning	0	0	0
4 Drittijiet fuq persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro				2.5 Depożiti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	5	5	0
4.1 Bilanċi mal-banek, titoli ta' investiment u self	6,849	-607	4		138,734	-1,834	0
4.2 Talbiet li jirżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0	0	3 Obbligazzjonijiet oħra lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro denominati	126	0	0
	6,849	-607	4	4 Ċertifikati ta' dejn maħruġa	0	0	0
5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro, relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja u li hu denominat f'euro				5 Obbligazzjonijiet lil residenti oħra fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro			
5.1 Operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament	270,001	-13,497	0	5.1 L-amministrazzjoni pubblika	35,968	-8,324	-2
5.2 Operazzjonijiet ta' rifinanzjament għal żmien itwal	75,000	0	0	5.2 Obbligazzjonijiet oħra	6,224	38	0
5.3 Operazzjonijiet temporanji ta' fine-tuning	0	0	0		42,192	-8,286	-2
5.4 Reverse operations ta' tip strutturali	0	0	0	6 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro	10,912	-282	0
5.5 Faċilità ta' self marġinali	109	-46	0	7 Obbligazzjonijiet lil residenti fiż-żona ta' l-euro denominat f'munita barranija	247	-5	-23
5.6 Krediti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	3	0	0	8 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'munita			
	345,113	-13,543	0	8.1 Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħra	10,679	-1,752	-810
6 Drittijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro	3,763	54	1	8.2 Obbligazzjonijiet ġejjin mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0	0
7 Titoli ta' sigurtà ta' residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro	70,244	211	191		10,679	-1,752	-810
8 Dejn ġenerali ta' l-amministrazzjoni pubblika denominat f'euro	41,317	-190	-26	9 Il-kontroparti ta' drittijiet ta' għid speċjali allokat mill-FMI	5,573	0	-234
9 Assi oħra	120,428	-646	1,553	10 Passiv ieħor	51,443	-945	-6,459
				11 Kont tar-rivalutazzjoni	64,842	-1	-5,853
				12 Kapitali u riżervi	58,229	17	-1,673
Assi Totali	884,233	-16,418	-15,055	Total tal-passiv	884,233	-16,418	-15,055

Hu possibbli illi t-totali ma jikkorrispondux mas-somma tal-komponenti varji mħabba li s-somma għet miżjudja jew imnaqqsja sa l-eqreb numru sħiħ